

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ġew invokati żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: żball manifest ta' evalwazzjoni

Il-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni meta sostniet, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, li l-iskema Germaniā ta' għajnuna mill-Istat "Allgemeine Bundesregelung Schadensausgleich, COVID-19" hija kompatibbli mas-suq intern, fis-sens tal-Artikolu 107(2)(b) TFUE. Il-limitazzjoni tal-applikabbiltà għall-eligiblebilità lill-kumpanniji li joperaw f'diversi setturi ekonomiċi għal dawk li jiksbu minn tal-inqas 80 % tad-dħul tagħhom minn attivitajjet li huma direttament affettwati mil-lockdown hija arbitrarja u l-għoti ta' għajnuna huwa sproporzjonat. Il-limitu minimu ta' 80 % ineħħi r-rabta kawżali bejn l-ordnijiet ta' ghelu u d-dannu li jirriżulta minnhom għad-detiment ta' kumpanniji b'diversi oqsma ta' attività u mingħajr raġuni oġġettiva, sa fejn dawn jistgħu jibqgħu mingħajr kumpens minkejja li huma direttament u sostanzjalment affettwati mill-miżuri tal-Istat u minkejja t-telf kunsiderevoli sostnut. Dan iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni kemm fir-rigward ta' kompetituri fis-setturi ta' attività kkonċernati mill-COVID-19 kif ukoll fir-rigward ta' kompetituri f'setturi ta' attività mhux ikkonċernati mill-COVID-19.

2. It-tieni motiv: ksur tad-drittijiet proċedurali fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE.

Id-deċiżjoni tal-konvenuta hija vvizzjata b'nuqqas ta' evalwazzjoni u ta' motivazzjoni. Matul il-proċedura ta' eżami preliminari, il-konvenuta ma tħalli l-rikkorrenti l-possibbiltà li tesprimi t-tħassib tagħha dwar il-kompatibbilità tal-għajnuna mill-Istat mas-suq intern. Barra minn hekk, il-konvenuta ma mmotivatx b'mod suffiċjenti d-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni.

Rikors ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2021 – VP vs Cedefop

(Kawża T-534/21)

(2021/C 431/55)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: VP (rappreżentant: L. Levi, avukat)

Konvenut: Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp tat-Taħriġ Vokazzjonali

Talbiet

Ir-rikkorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut li ma jimplimentax t-taqsimiet (1) u (2) tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tas-16 ta' Diċembru 2020, fil-Kawża T-187.18, VP vs Cedefop;
- tannulla d-deċiżjoni konnessa li l-kuntratt ta' impieg tar-rikkorrent ma jiġix imġedded għal terminu indeterminat b'effett retroattiv;
- tordna l-ħlas ta' kumpens għad-danni morali sostnuti mir-rikkorrent evalwati *ex aequo et bono* għal ħamsin elf Ewro;
- tordna l-ħlas ta' kumpens għad-danni materjali sostnuti mir-rikkorrent ekwivalenti għall-ispejjeż neċċesarji għall-proċedura prekontenzju ja mid-data tas-sentenza fil-Kawża T-187.18, VP vs Cedefop; u
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-konvenut li ma jimplimentax it-taqsimiet ċentrali (1) u (2) tas-sentenza tas-16 ta' Diċembru 2020 fil-Kawża T-187.18, VP vs Cedefop u, konsegwentement, li ma jgħedidx il-kuntratt ta' impjieg tar-riorrent hija vvizzjata bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.
 2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut naqas milli josserva d-dmir ta' diliġenza.
 3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut kiser il-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' protezzjoni tal-aspettativi leġittimi.
 4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenut wettaq użu ħażin ta' poter.
-

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Awissu 2021 – Tinnus Entreprises vs EUIPO – Mystic Products (Tagħmir għad-distribuzzjoni ta' fluwidi)

(Kawża T-535/21)

(2021/C 431/56)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Tinnus Entreprises (Plano, Texas, l-Istati Uniti) (rappreżentant: T. Wuttke. lawyer)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Mystic Products Import & Export. SL (Badalona, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tad-disinn kontenzjuż: ir-riorrenti quddiem il-Qorti ĊGenerali

Disinn kontenzjuż ikkonċernat: id-disinn tal-Unjoni Nru 1 431 829-0009

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Ġunju 2021 fil-Każ R 1004/2018-3

Talbiet

Ir-riorrenti titlob li l-Qorti ĊGenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tibdel id-deċiżjoni kkontestata sabiex:
 - l-appell tar-riorrent jintlaqa',
 - tiċħad fl-intier tagħha l-applikazzjoni tal-applikant għat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ICD 10 306 li tiddikjara l-invalidità tad-disinn ikkонтestat,
 - tikkundanna lill-applikant għat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità sabiex tħallas l-ispejjeż subiti quddiem il-Bord tal-Appell u d-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni;
 - tikkundanna lill-applikant għat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tħallas l-ispejjeż tar-riorrenti.

Motivi invokati

- Ksur tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Marzu 2021, Lego vs EUIPO – Delta Sport Handelskontor (Blokki tal-bini minn sett ta' bini tal-ġugarelli) (T-515/19, mhux ippubbilkata, EU:T:2021:155);
- Ksur tal-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tat-8 ta' Marzu 2018, DOCERAM (C-395/16, EU:C:2018:172);
- Ksur tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002;